Il-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli u l-Iskola tal-Arti

Diskors fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni tal-mitt jum mit-twaqqif tal-Iskola tal-Arti fil-Belt Valletta

Sinjuri mistednin, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Direttur Generali, il-maniġment u l-amministrazzjoni tal-Iskola tal-Arti, għalliema, studenti, ex studenti, ġenituri u ħbieb tal-arti, kollegi:

L-ewwel nett, nixtieq nirringrazzjakom tal-istedina biex inkun magħkom f'din l-okkażjoni speċjali, li fiha qed niċċelebraw il-mitt jum minn meta twaqqfet l-Iskola tal-Arti fil-Belt Valletta.

Mitt jum huma biss parti żgħira mill-istorja ta' istituzzjoni li, tul iż-żmien, tat u għadha tagħti kontribut importanti lill-ħajja artistika u kulturali ta' pajjiżna. Madankollu, din iċ-ċelebrazzjoni tagħtina opportunità mhux biss biex inħarsu lura lejn l-istorja, iżda wkoll biex nirriflettu fuq it-trasformazzjoni li għaddiet minnha l-Iskola u fuq il-potenzjal li għad għandha quddiemha.

It-tema li ntlabt nitkellem dwarha hija **"Il-Kulleġġ u l-Iskola tal-Arti"**. U nemmen li din it-tema tistedinna naħsbu dwar relazzjoni li mhijiex sempliċiment waħda amministrattiva, iżda waħda li għandha fil-qalba tagħha viżjoni edukattiva komuni: li nagħtu lil kull student l-opportunità jiżviluppa t-talenti tiegħu, jesprimi l-kreattività tiegħu u jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu.

Bħala l-Kap tal-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli, huwa ta' sodisfazzjon għalija li nara kif l-Iskola tal-Arti, flimkien mal-iskejjel l-oħra tal-Kulleġġ — id-Drama, il-Mużika u ż-Żfin — tikkontribwixxi biex l-edukazzjoni artistika f'pajjiżna tkun aktar aċċessibbli, strutturata u rilevanti għall-ħtiġijiet tal-istudenti tal-lum.

Nixtieq niffoka fuq żewġ trasformazzjonijiet ewlenin li seħħew mindu l-Iskola tal-Arti saret parti mill-Kulleġġ.

L-ewwel trasformazzjoni: minn bżonn ta' tiswija ta' persjana ta' wahda mit-twieqi, għall-investiment f'ambjent edukattiv modern.

Kultant, meta nitkellmu dwar investiment fl-edukazzjoni, naħsbu immedjatament fil-fondi, fil-baġits u fl-ispejjeż. Iżda l-investiment fl-edukazzjoni jfisser ħafna aktar minn hekk. Ifisser li nagħrfu l-valur ta' istituzzjoni u nagħtuha l-għodod meħtieġa biex tkompli tikber.

Fil-każ tal-Iskola tal-Arti, nistgħu ngħidu li għaddejna minn sitwazzjoni fejn il-mistoqsija kienet min se joħroġ il-fondi biex tissewwa persjana tal-injam li biz-zmien issewset u li kienet waqgħet minn fuq ghall-isfel fit-triq, għal proġett ferm aktar ambizzjuż: ir-restawr u r-riabilitazzjoni ta' dan il-palazzin, flimkien mal-adattament tiegħu għall-ħtiġijiet ta' skola tal-arti moderna.

Illum, dan l-investiment huwa rifless f'ambjent li jinkludi faċilitajiet bħal lift, sistema ta' arja kkundizzjonata, workshops u spazji ddedikati għat-tagħlim u għall-prattika artistika.

Dan mhuwiex sempliċiment titjib fil-binja. Huwa messaġġ ċar li l-edukazzjoni artistika jistħoqqilha ambjent dinjituż, funzjonali u ta' kwalità.

Ambjent li fih l-istudenti jkunu jistgħu joħolqu, jesperimentaw, jiżbaljaw, jitgħallmu u, fuq kollox, jiżviluppaw il-kreattività tagħhom.

Għalhekk, ir-restawr ta' dan il-palazzin mhuwiex biss il-konservazzjoni ta' binja. Huwa wkoll investiment fil-futur tal-arti u f'dawk kollha li se jgħaddu minn dawn l-ispazji biex jitgħallmu u joħolqu.

It-tieni trasformazzjoni: l-investiment fir-riżorsa umana u fit-tagħlim.

Jekk binja sabiħa u mgħammra tajjeb hija importanti, l-aktar riżorsa prezzjuża ta' kull skola tibqa' n-nies tagħha.

Għaldaqstant, pass importanti ħafna kien l-investiment fil-kapital uman, fosthom bl-ingaġġ għall-ewwel darba ta' għalliema regolari full-time.

Dan il-pass fetaħ opportunitajiet ġodda għall-iżvilupp tal-Iskola, mhux biss fil-kontinwità u fil-kwalità tat-tagħlim, iżda wkoll fit-tfassil mill-ġdid tal-kurrikulu u fl-adozzjoni ta' metodoloġiji ta' tagħlim aktar innovattivi.

Waħda mill-bidliet l-aktar sinifikanti kienet il-ftuħ tal-opportunitajiet ta' tagħlim għal tfal ta' età iżgħar, sa mil-livell primarju, minflok ma l-edukazzjoni fl-arti tkun indirizzata prinċipalment lil studenti li jkunu għalqu s-sittax-il sena.

Din il-bidla hija importanti għaliex it-talent artistiku ma jistenna ebda età partikolari biex jibda jiżviluppa. It-tfal għandhom jingħataw l-opportunità jiskopru l-kapaċitajiet tagħhom kmieni, jitħarrġu, jesperimentaw u jibnu l-kunfidenza tagħhom fl-espressjoni artistika.

Fl-istess waqt, it-tagħlim fl-Iskola tal-Arti kiseb valur miżjud permezz ta' struttura ta' studji li tinkludi Awards akkreditati mill-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, l-MFHEA, kif ukoll ċertifikazzjoni u kwalifiki li jwasslu sal-livell tad-Diploma.

B'hekk, l-istudenti mhux biss jingħataw esperjenza artistika, iżda jkollhom ukoll opportunitajiet aktar strutturati biex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom u javvanzaw fl-istudji tagħhom.

Dan ifisser li l-Iskola qed toffri aktar toroq: lil min jixtieq jesplora l-arti bħala interess u mezz ta' espressjoni personali, lil min jixtieq ikompli jistudja, u lil min jaspira li jibni futur professjonali fil-qasam artistiku.

F’dan il-kuntest, nixtieq infakkar ukoll fil-boroż ta’ studju li, f’dawn l-aħħar snin, reġgħu bdew jingħataw lil studenti żgħażagħ li jispikkaw fil-kapaċitajiet tagħhom. Din l-inizjattiva tfakkarna f’dak li kien isir fil-bidu tal-istorja tal-Iskola u turi kemm huwa importanti li t-talent jingħaraf, jiġi mħeġġeġ u jingħata l-appoġġ biex ikompli jiżviluppa.

Għalhekk, nirringrazzja lill-Aġenzija Żgħażagħ għall-kollaborazzjoni u għall-appoġġ li dejjem sibna.

Dawn il-bidliet flimkien juru li l-investiment fl-għalliema, fil-kurrikulu u fl-opportunitajiet għall-istudenti jista’ jwassal għal qabża fil-kwalità tal-edukazzjoni artistika.

Nixtieq iżda nsemmi wkoll aspett ieħor li, għalija, jagħti tifsira konkreta ħafna lir-relazzjoni bejn l-Iskola tal-Arti u l-Kulleġġ: il-produzzjonijiet multidixxiplinarji annwali tagħna.

F’dawn il-produzzjonijiet, il-kollaborazzjoni bejn l-Arti, id-Drama, il-Mużika u ż-Żfin ma tibqax biss idea jew aspirazzjoni. Issir esperjenza reali, fejn dixxiplini differenti jingħaqdu biex joħolqu spettaklu wieħed.

L-Iskola tal-Arti għandha rwol essenzjali f’dan il-proċess, kemm permezz tal-arti viżiva kif ukoll permezz tal-opportunitajiet li tagħti lill-istudenti fil-qasam tal-arti diġitali, fid-disinn tax-xenografija, fid-disinn tal-kostumi u f’aspetti kreattivi oħra li jagħtu identità u karattru lill-produzzjonijiet tagħna.

Iżda hemm aspett li nixtieq nenfasizza b'mod partikolari.

Ix-xogħol artistiku li jsir għall-ispettaklu ma jibqax biss kontribut prattiku għal produzzjoni. Bis-saħħa tal-ħidma tal-għalliema, dan ix-xogħol jirnexxielu jingħaqad mal-kurrikulu u jsir parti mill-proċess tat-tagħlim.

B'hekk, l-istudenti jkollhom l-opportunità japplikaw il-ħiliet tagħhom f'kuntest reali, jaħdmu ma' studenti u professjonisti minn dixxiplini oħra, jiffaċċjaw sfidi konkreti u jaraw kif l-ideat tagħhom jittrasformaw ruħhom f'riżultat artistiku tanġibbli.

Din hija edukazzjoni li tmur lil hinn mit-teorija. Hija edukazzjoni li tagħti esperjenza, tħeġġeġ il-kollaborazzjoni, trawwem id-dixxiplina u tħejji lill-istudenti biex jifhmu l-arti bħala proċess ta' ħolqien, komunikazzjoni u skambju ta' ideat.

U proprju hawnhekk naraw il-valur tal-Kulleġġ: mhux li kull skola taħdem waħedha, iżda li kull dixxiplina ssaħħaħ lill-oħra u flimkien noħolqu opportunitajiet edukattivi li waħedna jkun aktar diffiċli niksbu.

Naturalment, l-ebda trasformazzjoni ma sseħħ mil-lum għal għada, u l-ebda istituzzjoni ma għandha tqis il-ħidma tagħha bħala lesta.

Għalhekk, f'din l-okkażjoni, nixtieq insellem lill-amministrazzjonijiet u lit-tmexxijiet tal-Iskola tal-Arti, kemm tal-passat kif ukoll tal-preżent, għall-ħidma, id-dedikazzjoni u l-kontribut tagħhom fl-iżvilupp ta' din l-istituzzjoni.

Nħares 'il quddiem b'ottimiżmu lejn il-futur u lejn il-potenzjal li l-Iskola tal-Arti tkompli tiżviluppa. L-aspirazzjoni tagħna għandha tkun li nilħqu viżjoni ta' **edukazzjoni ta' kwalità għolja, mibnija fuq metodoloġiji innovattivi, li toħloq ambjent stimulanti fejn l-istudenti u l-artisti jkunu jistgħu jiżviluppaw u jwettqu l-potenzjal sħiħ tagħhom.**

Din il-viżjoni għandha tkompli tiggwidana fl-iżvilupp tal-kurrikulu, fit-titjib tal-faċilitajiet, fl-appoġġ lill-għalliema u fit-tisħiħ tal-kollaborazzjoni bejn l-Iskola, il-Kulleġġ u l-komunità artistika usa'.

Qabel nagħlaq, nixtieq nesprimi l-gratitudni tiegħi lejn dawk kollha li, b'xi mod jew ieħor, jagħmlu din il-ħidma possibbli.

Nirringrazzja lis-superjuri tiegħi fil-Ministeru għall-Edukazzjoni għall-appoġġ u l-fiduċja tagħhom.

Nirringrazzja lill-amministrazzjoni tal-Iskola tal-Arti għall-fiduċja li tpoġġi fil-Kulleġġ u għar-relazzjoni ta' komunikazzjoni u kollaborazzjoni kontinwa li bnejna flimkien.

Insellem lill-għalliema kollha tal-passat li, permezz tat-talent, id-dedikazzjoni u l-ħidma tagħhom, sawru l-istorja ta' din l-

Iskola. L-istorja tagħha ma nkitbitx f'jum wieħed, iżda nbniet tul is-snin minn ħafna idejn, ħafna ideat u ħafna sagrifiċċji.

Nirringrazzja lill-għalliema preżenti għall-professjonalità u l-impenn tagħhom, lill-istudenti tal-passat u tal-preżent li taw u għadhom jagħtu l-ħajja lil din l-istituzzjoni, u lil kull min jappoġġja l-edukazzjoni artistika f'pajjiżna.

U, b'mod partikulari, nixtieq nirringrazzja lill-ġenituri tal-istudenti taħt is-sittax-il sena għall-fiduċja li qegħdin juru fl-Iskola tal-Arti. Li tafdana bl-edukazzjoni u bl-iżvilupp tat-tfal tagħkom hija responsabbiltà li nieħdu bis-serjetà, u nittama li l-esperjenza tagħhom f'din l-Iskola tkompli tkun waħda ta' tkabbir, skoperta u sodisfazzjon.

Nagħlaq billi ngħid li l-aqwa ġieħ li nistgħu nagħtu lill-istorja tal-Iskola tal-Arti mhuwiex biss li niftakru fil-passat tagħha, iżda li nkomplu nibnu fuq dak li ħallew ta' qabilna.

Għax kull binja tista' tiġi restawrata, kull kurrikulu jista' jiġi mġedded u kull faċilità tista' tittejjeb. Iżda l-veru suċċess ta' skola jitkejjel, fuq kollox, mit-talent li jirnexxilha tiżviluppa, mill-opportunitajiet li toħloq u mill-ħolm li tgħin lill-istudenti tagħha jwettqu.

Jalla, fis-snin li ġejjin, l-Iskola tal-Arti tkompli tkun post fejn it-talent isib l-opportunità, il-kreattività ssib l-ispazju u kull student isib l-inkoraġġiment biex jimxi 'l quddiem.

Nawguralkom aktar suċċessi u aktar snin ta' ħidma, kreattività u eċċellenza.

Grazzi mill-qalb lil kulħadd.

Victor Galea

Kap tan-Network tal-Kullegg

Kullegg Mikiel Anton Vassalli

16 ta’ Ottubru 2026